**2 ta' Diċembru, 1960**

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.; A/President;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Il-Maestà tar-Reġina
*versus*
Marianna Borg et.

**Separazzjoni tal-Ġudizzju — Kompetenza — Art. 448(5) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk ir-reat addebitat lill-uħud mill-akkużati, avvolja ta' kompetenza inferjuri, ikun konness ma' reat gravjuri ta' kompetenza superjuri addebitat lil persuna oħra, l-akkuża għal dak ir-reat inferjuri tinġieb quddiem il-Qorti Kriminali sedenti b'ġuri b'att ta' akkuża wieħed.*

*Jekk mbgħad tiġi ordnata s-separazzjoni tal-ġudizzju, billi l-ġudizzju dwar ir-reat gravjuri isir separat minn dak dwar ir-reat inferjuri, il-kompetenza, preċedentement traxxinata bir-reat gravjuri, ma tiġix newtralizzata. Il-kompetenza superjuri għar-reat ta' kompetenza inferjuri ġiet radikata għaliex dan kien konness mar-reat gravjuri m'ġjub fl-att tal-akkuża, u din il-pożizzjoni ġuridika ma tbiddletx bil-provvediment tas-separazzjoni tal-ġudizzji. Sakemm l-att tal-akkuża, kontenenti r-reat gravjuri u r-reati l-oħra ta' kompetenza inferjuri miegħu konnessi, ma jitbiddelx fis-sens li ma jibqgħax fih dedott ir-reat gravjuri, il-fattur kompetenzjali jibqa' l-istess, malgrado s-separazzjoni tat-trattazzjoni tal-wieħed u tal-oħrajn.*

Il-Qorti:— Rat l-att tal-akkuża nru. 25 tal-1960;

Rat in-nota ta' George Borg, Feliċ Borg u Marianna

Borg, tal-24 ta' Novembru 1960, li biha esponew illi l-Attorney General, b'rikors tal-24 ta' Novembru 1960, talab is-separazzjoni tal-ġudizzju tal-akkużata Mary Tabone minn dak tal-esponenti George Borg, Feliċ Borg u Marianna Borg;

Illi din il-Qorti, b'digriet tal-istess data, akkordat ittalba tal-Attorney General, u sseparat il-ġudizzju;

Illi għalhekk din l-Onorabbli Qorti ma għadhiex aktar kompetenti tieħu konjizzjoni tal-kawża kontra l-esponenti, akkużati ta' kontravvenzjonijiet, billi l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti oriġinat mill-akkuża li kienet ġiet miġjuba kontra l-imsemmija Mary Tabone, akkużata ta' delitt li jġib għall-piena ta' aktar minn sentejn ħabs, u li l-lum il-ġudizzju tagħha jinsab separat;

U kkonkjudew li għalhekk il-Qorti kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-akkużi miġjuba kontra l-esponenti hija l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta a tenur tal-art. 382 p. 2. tal-Liġijiet Kriminali, billi d-dispost tal-art. 585 ma huwiex aktar applikabbli, peress li minħabba s-separazzjoni ordnata kif fuq ingħad ma huwiex aktar possibbli li l-akkużati kollha jiġu ġudikati fl-istess kawża;

Rat ir-risposta tal-Attorney General, li biha qal li l-kompetenza, wara d-digriet tas-separazzjoni tal-ġudizzju, għadha ta' din il-Qorti, in vista tal-art. 448(5) (6) u 588 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed, mogħti fl-24 ta' Novembru 1960, li bih irrimettiet id-definizzjoni tal-eċċezzjoni fuq imsemmija għall-istess Qorti kolleġjalment komposta;

Trattata l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat;

Ma hemmx kuntrast li r-reati addebitati lill-eċċipjenti fl-att tal-akkuża fuq imsemmi ġew miġjuba quddiem din

il-*Qorti* komposta minn Imħallef wieħed, sedenti b'ġuri, għaliex, avvolja ta' kompetenza *nferjuri*, huma *però* konnessi mar-reat gravjuri ta' kompetenza superjuri addebitat lill-akkużata l-oħra Mary Tabone, ukoll miġjub fl-istess att tal-akkuża; u dan *konformement* għad-dispost tal-art. 488, subart. (5), Kap. 12;

Id-difiża issa tippretendi li l-kompetenza, preċedentement traxxinata bir-reat gravjuri, ġiet newtralizzata minħabba li bid-digriet tagħha tal-24 ta' Novembru 1960 din il-Qorti laqgħet it-talba tal-Attorney *General* għas-separazzjoni tal-ġudizzju relattiv għar-reat gravjuri addebitat lil Mary Tabone minn dak relattiv għar-reati addebitati lill-eċċipjenti;

Id-deduzzjoni tad-difiża, però, mhijiex sostenibbli. Infatti, skond it-termini espressi tal-ħames subartikolu fuq ċitat, il-kompetenza superjuri għar-reati ta' kompetenza inferjuri ġiet radikata għaliex dawn kienu konnessi mar-reat gravjuri miġjub fl-att tal-akkuża. Din il-pożizzjoni ġuridika ma tbiddletx bil-provvediment ordinanti s-separazzjoni tal-ġudizzju; għaliex, kif jidher ċar mit-termini tal-art. 588 idem, dak il-provvediment jimplika biss "trattazzjoni" separata, imma ma jġibx li r-reat gravjuri, traxxinanti l-kompetenza tar-reati inferjuri, ma jibqgħax aktar dedott fl-istess att tal-akkuża. Sakemm *l-att* tal-akkuża, kontenenti r-reat gravjuri u r-reati l-oħra ta' kompetenza inferjuri miegħu konnessi, ma jitbiddelx fis-sens li ma jibqgħax dedott fih *ir-reat gravjuri, il-fattur* kompetenzjali jibqa' l-istess, malgrado s-separazzjoni tat-trattazzjoni tal-wieħed u tal-oħrajn. Divers kien ikun il-każ kieku, per eżempju, *jiġi* annullat *l-att tal*-akkuża kwantu għar-reat gravjuri, kif kien il-każ "Rex vs. Charles Bohmm", 3 ta' Settembru 1901;

Jista' jiġi obbjettat, talvolta, li t-trattazzjoni kontestwali f'każ simili tispiċċa. Iżda din l-obbjezzjoni hi superata bir-rifless li s-subartikolu (5) *tal-art. 448, kif juru* indiskutibbilment *it-termini* ċari tiegħu, qiegħed jiddetermina mhux it-trattazzjoni kontestwali, imma l-kompetenza, u qiegħed jirradika dik il-*kompetenza*, "*inter alia*", *fuq iċ-ċir-*

kustanza li r-reati nferjuri jkunu konnessi mar-reat ta' kompetenza superjuri dedott fl-att tal-akkuża. Dik iċ-ċirkustanza determinattiva tal-kompetenza tibqa' sħieħa; għax il-konnessjoni tibqa', u r-reat gravjuri jibqa' dedott fl-att tal-akkuża, u ma hijiex eliminata affattu bl-aċċidentalità li, għal xi raġuni li l-Qorti tkun dehriltilha tajba, it-trattazzjoni tiġi separata;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tad-difiża, tiddikjara li din il-Qort baqgħet kompetenti, u tordna r-rinviju tal-attijiet lill-istess Qorti komposta minn Imħallef wieħed.